Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Marzu 2017
(OR. en)

6889/17

SOC 164
GENDER 9
EMPL 123
EDUC 101
ANTIDISCRIM 13

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	3 ta' Marzu 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	6268/17 SOC 90 GENDER 6 EMPL 60 EDUC 45 ANTIDISCRIM 9
Suġġett:	Intejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (3 ta' Marzu 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill bit-titlu "Intejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE", adottati mill-Kunsill EPSCO fit-3523 laqgħa tiegħu li saret fit-3 ta' Marzu 2017.

ANNESS I

Intejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE

Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JFAKKAR:

1. Fid-Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi li ġiet iffirmata min-Netherlands, is-Slovakkja u Malta fis-7 ta' Diċembru 2015 li tinnota li biex isir użu effettiv mill-kapital uman tal-UE hu ta' importanza kruċjali li n-nisa u l-irġiel ikunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-kapaċitajiet u l-kwalifiki tagħhom.

2. Li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea minqux fit-Trattati u wieħed mill-objettivi u l-kompiti tal-Unjoni. Barra minn hekk, missjoni speċifika tal-Unjoni hi l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-attivitajiet kollha tagħha.

3. Li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hi minquxa fl-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. Li l-Istrateġija Ewropa 2020 għandha l-għan li toħloq kundizzjonijiet għall-modernizzazzjoni tas-swieq tax-xogħol; li tgħin biex il-livelli ta' impjieg jiżdiedu għal 75% fost in-nisa u l-irġiel bejn l-età ta' 20 u 64 sena; li tnaqqas b'tal-inqas 20 miljun in-numru ta' nisa u irġiel li qed jgħixu jew li qegħdin f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali; u li tiżgura s-sostenibbiltà tal-mudelli soċjali nazzjonali. B'mod partikolari tfittex li tikseb dan permezz tal-awtonomizzazzjoni tan-nisa u lill-irġiel permezz tal-kisba ta' ħiliet ġodda biex jadattaw għal kundizzjonijiet ġodda u għal bidliet potenzjali fil-karriera.

5. Li l-Pakkett ta' Investiment Soċjali jiggwida lill-Istati Membri b'rabta ma' linji ta' politika soċjali iktar effiċjenti u effettivi b'rispons għall-kriżi ekonomika u t-tibdil demografiku, u jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jinvestu fin-nies.

6. Li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017, għandu l-potenzjal li jappoġġa l-funzjonament bla xkiel u ġust tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi tal-għajnuna soċjali, fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

7. Fil-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), li jħeġġeġ azzjonijiet li jnaqqsu d-disparitajiet bejn is-sessi u li jikkumbattu s-segregazzjoni skont is-sess fis-suq tax-xogħol. Miżura ta' dan it-tip hi "l-eliminazzjoni tal-istereotipi tas-sessi u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll fil-ħajja tax-xogħol, sabiex titnaqqas is-segregazzjoni skont is-sess fis-suq tax-xogħol".

8. Fl-Impenn Strateġiku tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019, li jiffoka fuq diversi oqsma prijoritarji, li jinkludu parteċipazzjoni ikbar min-nisa fis-suq tax-xogħol u indipendenza ekonomika ndaqs bejn in-nisa u l-irġiel u t-tnaqqis tad-diskrepanzi bejn is-sessi fil-pagi, is-salarji u l-pensjonijiet u għaldaqstant il-ġlieda kontra l-faqar fost in-nisa. Biex dawn il-miri jintlaħqu jeħtieġ li jiġu introdotti aktar miżuri li jtejbu l-bilanċ bejn is-sessi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'setturi ekonomiċi u professjonijiet differenti u li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi f'kull livell u f'kull tip ta' edukazzjoni, inkluż fir-rigward tal-għażliet ibbażati fuq il-ġeneru tas-suġġett tal-istudju u l-karriera. Dan jinvolvi wkoll sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tan-nuqqas ta' ugwaljanza fl-impjieg, inkluż id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi.

9. Li din l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa għandha l-għan li tiżgura li n-nies ikollhom il-ħiliet xierqa tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, mhux biss biex itejbu l-prospetti tagħhom li jidħlu, jibqgħu u javvanzaw fis-suq tax-xogħol, iżda wkoll bil-għan li huma jkunu jistgħu jisfruttaw il-potenzjal tagħhom bħala ċittadini kunfidenti u attivi.

10. Li reċentement il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti, li għandha l-għan li tgħin lil dawk l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet biex jiksbu livell minimu ta' ħila fil-kitba u l-qari, kompetenza diġitali u fin-numri u biex jagħmlu progress lejn kwalifiki ogħla.

11. Fl-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, li għandha l-għan li tikseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u t-tfajliet kollha biex b'hekk ittemm kull għamla ta' diskriminazzjoni. Uħud mill-miri rilevanti jinkludu l-eliminazzjoni tad-disparitajiet bejn is-sessi fl-edukazzjoni; il-kisba ta' livell massimu u produttiv ta' impjiegi u xogħol deċenti għan-nisa u l-irġiel kollha; pagi ndaqs għal xogħol ta' valur ugwali; u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għall-ħaddiema kollha, inkluż dawk b'impjieg prekarju[1].

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA':

12. In-Nota ta' Riċerka[2] intitolata "Kwalità ogħla ta' ħiliet fost in-nisa u l-irġiel b'impjieg prekarju fl-UE," li tħejjiet mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) fuq talba tal-Presidenza Maltija. In-Nota ta' Riċerka tesplora l-potenzjal li tinkiseb kwalità ogħla ta' ħiliet fost in-nisa u l-irġiel fl-UE, b'enfasi fuq il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u tanalizza l-esperjenzi differenti li għaddew minnhom nisa u rġiel b'livell baxx ta' kwalifiki b'rabta mal-impjegabbiltà tagħhom, is-sitwazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u l-aċċess min-naħa tagħhom għal taħriġ relatat max-xogħol. In-Nota li tadotta perspettiva multidimensjonali, tiddeskrivi wkoll l-esperjenzi li għaddew minnhom persuni b'livell baxx ta' kwalifiki u b'impjieg prekarju u telenka l-fatturi li jxekklu l-aċċess għal impjieg ta' kwalità u l-kisba ta' kwalità ogħla ta' ħiliet.

---

[1] "L-impjieg prekarju" f'dawn il-Konklużjonijiet tfisser impjieg 1) b'paga baxxa ħafna, 2) involontarju, b'ħinijiet tax-xogħol qosra ħafna, jew 3) li ma tantx joffri sigurtà. (Ara n-Nota ta' Riċerka mill-EIGE). Dan hu mingħajr preġudizzju għat-tifsira tat-terminu "impjieg prekarju" f'kuntesti oħrajn u għal kwalunkwe definizzjoni futura li jintlaħaq qbil dwarha fil-livell tal-UE jew f'dak internazzjonali.

[2] 6268/17 ADD 1.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

13. Minkejja l-fatt li n-nisa qed ikunu dejjem iktar ikkwalifikati, u li jmorru aħjar mill-irġiel f'dak li hu relatat mal-livell edukattiv milħuq fl-Ewropa llum[3], ix-xogħol bi ħlas tan-nisa għadu b'remunerazzjoni aktar baxxa. Barra minn hekk, in-nisa għadhom jirċievu remunerazzjoni aktar baxxa minn dik riċevuta mill-irġiel għal xogħol komparabbli. Is-sottovalutazzjoni tax-xogħol tan-nisa hi waħda mill-kawżi tad-diskrepanza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u din tikkontribwixxi wkoll għad-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi. Dawn il-problemi huma kkawżati mill-istereotipi tas-sessi li jgħinu biex jiġi pperpetwat tqassim inekwu bejn in-nisa u l-irġiel tar-responsabbiltajiet tal-għoti ta' assistenza u tal-faċendi domestiċi, kif ukoll is-segregazzjoni skont is-sess fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fis-suq tax-xogħol.

14. B'mod ġenerali, in-nisa jiffaċċaw riskju ogħla ta' prekarjetà tul ħajjithom-- pereżempju xogħol bi ħlas baxx ħafna, jew xogħol part-time involontarju, jew li ma tantx joffri sigurtà. L-akbar differenza bejn is-sessi tidher mill-pagi - waħda minn kull ħames nisa titħallas baxx ħafna, meta mqabbla ma' wieħed minn kull għaxart irġiel biss. Iż-żgħażagħ kemm nisa kif ukoll irġiel u n-nisa u l-irġiel li jkunu waslu biex jirtiraw , kif ukoll in-nisa u l-irġiel f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal dawk li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, u gruppi emarġinati fosthom ir-Rom, jiffaċċaw riskju ogħla ta' impjieg prekarju.[4]

15. L-impjiegi produttivi u xogħol deċenti għal kulħadd, kif ifformulat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, huma fost il-fatturi ewlenin għall-kisba ta' ugwaljanza de facto bejn is-sessi u globalizzazzjoni ġusta, biex jitnaqqas il-faqar u biex jinkiseb żvilupp ekwu, inklużiv u sostenibbli.

16. Persuni barra mis-suq tax-xogħol, u b'mod partikolari dawk b'livell baxx ta' ħiliet, jistgħu jkunu skoraġġuti milli jidħlu fis-suq tax-xogħol jew isibu impjieg minħabba l-ispejjeż żejda assoċjati, bħall-ispejjeż ta' trasport u l-ispiża marbuta mas-servizzi ta' indukrar tat-tfal u l-għoti ta' assistenza lil dipendenti oħra.

---

3 Fl-2014, 42.3% tan-nisa (ta' età bejn 30-34 sena) kellhom edukazzjoni terzjarja jew livell ogħla meta mqabbla ma' 33.6% tal-irġiel. (Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol 2015)

4 L-Istħarriġ tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol, il-kalkoli tal-EIGE bbażati fuq mikrodata tal-2014.

17. Minħabba l-inugwaljanzi strutturali u l-istereotipi persistenti tas-sessi, in-nisa b'livell baxx ta' ħiliet jiffaċċjaw sfidi u diskriminazzjoni addizzjonali. Nofs in-nisa b'livell baxx ta' kwalifiki ta' età bejn 16-64 sena[5] fl-UE-28 huma barra mis-suq tax-xogħol (mhux attivi), meta mqabbla ma' 27% tal-irġiel[6].

18. Kważi waħda minn kull żewġ nisa b'livell baxx ta' ħiliet (45%) -- meta mqabbla ma' wieħed minn kull erbat irġiel b'livell baxx ta' ħiliet (26%) -- għandha impjieg prekarju[7].

19. Għalkemm fis-snin reċenti, il-livell edukattiv milħuq min-nisa kien qed jogħla, peress li hemm probabbiltà ikbar li l-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-irġiel ikollhom livell iktar baxx ta' kwalifiki[8] min-nisa (fl-2015, 20% tal-irġiel u 15% tan-nisa ta' età bejn 20 u 24 sena kellhom livell edukattiv baxx), fil-popolazzjoni aktar imdaħħla fl-età, 35% tan-nisa u 29% tal-irġiel tal-età bejn 55 u 64 sena għandhom livell baxx ta' kwalifiki.[9]

20. In-nisa iktar imdaħħlin fl-età, b'mod partikolari dawk li jkunu waslu biex jirtiraw, jiffaċċaw ukoll riskju akbar ta' faqar bħala riżultat tad-disparità bejn is-sessi matul ħajjithom[10], inkluż differenzi fir-remunerazzjoni, is-sigħat tax-xogħol u kemm idumu jaħdmu f'ħajjithom. Dan huwa dovut, fost raġunijiet oħrajn, għall-fatt li d-dmirijiet domestiċi u dawk marbutin mal-għoti ta' assistenza jaqgħu prinċipalment tan-nisa, li bħala riżultat ta' dan ikollhom iktar interruzzjonijiet tul il-karriera u huwa iktar probabbli li n-nisa milli l-irġiel jaħdmu part-time.

---

[5] Dan jeskludi l-istudenti.

[6] L-Istħarriġ tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol, il-kalkoli tal-EIGE bbażati fuq mikrodata tal-2014.

[7] L-Istħarriġ tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol, il-kalkoli tal-EIGE bbażati fuq mikrodata tal-2014.

[8] Klassifikazzjoni Internazzjonali Standard tal-Edukazzjoni (ISCED): in-nies li rċevew biss edukazzjoni bikrija tat-tfal, edukazzjoni primarja u livell baxx ta' edukazzjoni sekondarja (ISCED 0-2) jitqiesu li għandhom livell baxx ta' kwalifiki.

[9] L-Istħarriġ tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol (edat_lfse_03).

[10] Kummissjoni Ewropea (2015) *Għalfejn in-nisa mdaħħlin fl-età huma ferm aktar esposti għar-riskju tal-faqar mill-irġiel imdaħħlin fl-età*, Evidence in Focus. Rapport tal-EIGE "Il-faqar, is-sessi u l-inugwaljanzi trasversali fl-UE: Reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-Istati Membri tal-UE (14295/16 ADD 1).

21. Proporzjon sinifikanti min-nisa u l-irġiel fl-età tax-xogħol u bi kwalifiki baxxi[11], kemm jekk huma impjegati u kemm jekk le, ma għandhomx il-ħiliet bażiċi meħtieġa biex jipparteċipaw f'taħriġ vokazzjonali jew edukazzjoni avvanzata. Barra minn hekk, l-opportunitajiet ta' taħriġ huma inqas disponibbli għal nisa u rġiel bi kwalifiki baxxi, b'mod partikolari jekk ikollhom impjiegi prekarji[12].

22. Madwar terz biss tan-nisa (36%) u l-irġiel (33%) bi kwalifiki baxxi li għandhom impjiegi prekarji kellhom taħriġ matul dan l-aħħar 12-il xahar (2015), u kienu ftit il-każijiet fejn it-taħriġ ġie pprovdut minn min iħaddimhom.[13]

23. In-nisa u l-irġiel li twieldu barra mill-UE hemm probabbiltà ikbar li jkollhom livell baxx ta' ħiliet bażiċi minn ċittadini tal-UE u aktar minn terz minnhom (36%) għandhom livell baxx ta' edukazzjoni[14]. In-nisa, b'mod partikolari, jiffaċċjaw riskju ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol hi limitata[15], u l-livell baxx ta' kwalifiki jista' jaggrava dan l-iżvantaġġ. Waħda mir-raġunijiet hi li s-sistema ta' rikonoxximent ta' kwalifiki mhux tal-UE għad trid tiġi żviluppata b'mod sħiħ.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra l-kompetenzi ġenerali tal-Istati Membri fl-oqsma rilevanti, il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u r-rwol tas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

---

11 24% tal-popolazzjoni (23% tal-irġiel u 24% tan-nisa) bejn l-età ta' 25 u 64 sena għandhom livell baxx ta' edukazzjoni.
12 L-Istħarriġ dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa, il-kalkoli tal-EIGE bbażati fuq mikrodata tal-2015.
13 L-Istħarriġ dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa, il-kalkoli tal-EIGE bbażati fuq mikrodata tal-2015.
14 L-Istħarriġ tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol (edat_lfs_9912).
15 14295/16 ADD 1.

24. Jagħtu prijorità li jiġu indirizzati l-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-irġiel fis-suq tax-xogħol fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, b'attenzjoni speċjali għall-importanza tal-ħiliet, bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira ewlenija li r-rata ta' impjieg fost in-nisa u l-irġiel tal-età bejn l-20 u l-64 sena tiżdied għal 75% .

25. Jagħmlu sforzi akbar biex il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar il-ħiliet u s-suq tax-xogħol u, għal dan il-għan, fejn ikun rilevanti, jinkludu miżuri bħal dawn fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u/jew bħala parti mis-Semestru Ewropew, f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-iżvantaġġi speċifiċi li jiffaċċaw in-nisa fis-suq tax-xogħol u tul ħajjithom. Ir-rappurtar fil-livell tal-UE dwar kwalunkwe sforzi bħal dawn għandu jsir fi ħdan oqfsa eżistenti. Il-miżuri li jieħdu kont ta' kwistjonijiet marbutin mal-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom jitfasslu biex jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin:

a) L-indirizzar tal-kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol, bħal pereżempju pagi baxxi, xogħol part-time involontarju u n-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg.

b) Il-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u l-indipendenza ekonomika ndaqs bejn in-nisa u l-irġiel.

c) Il-ġlieda u l-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni sesswali fis-suq tax-xogħol, speċjalment b'rabta mal-aċċess u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li jiġi rikonoxxut li ċerti gruppi ta' nisa, partikolarment dawk li qegħdin f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż vittmi ta' vjolenza abbażi ta' sess, jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet addizzjonali fl-isforzi tagħhom biex jipparteċipaw f'impjiegi ta' kwalità, jew jistgħu jkunu f'riskju ta' diskriminazzjoni għal diversi raġunijiet.

d) It-tisħiħ tal-prinċipju ta' pagi ndaqs għal xogħol ta' valur ugwali u l-indirizzar tal-kawżi għad-disparitajiet bejn is-sessi fil-pagi, il-qligħ u l-pensjonijiet.

e) It-tnaqqis tad-diżinċentivi għax-xogħol, jekk u meta applikabbli, billi tiġi indirizzata l-ispiża meta wieħed isib impjieg ġdid jew meta jerġa' jidħol fis-suq tax-xogħol, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lid-diżinċentivi fiskali potenzjali[16], filwaqt li jiġi nnotat li tali diżinċentivi għandhom impatt akbar fuq in-nisa u li t-tnaqqis tagħhom jista' jgħin biex titnaqqas id-disparità bejn il-parteċipazzjoni tan-nisa u dik tal-irġiel.

f) Il-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità u t-tgħammir ta' nisa u rġiel bil-kompetenzi meħtieġa biex ikunu jistgħu jsibu impjieg fis-settur tat-teknoloġija diġitali.

g) Il-ġlieda kontra s-segregazzjoni professjonali orizzontali skont is-sess u l-promozzjoni ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu r-rikonoxximent u l-istatus ta' setturi fejn b'mod predominanti l-impjegati huma nisa, bħall-ħidma domestika, is-settur tas-saħħa, is-servizzi soċjali u s-settur tal-kura, kif ukoll il-kunsiderazzjoni ta' miżuri li jtejbu l-pagi f'dawn is-setturi filwaqt li jiġu rrispettati ċ-ċirkostanzi nazzjonali u r-rwol tas-sħab soċjali.

h) L-inkoraġġiment ta' aċċess ugwali lin-nisa u l-irġiel għall-professjoni tat-tagħlim, anke bil-ħsieb li ż-żewġ mudelli ta' eżempju femminili u maskili jiġu offruti lil min qed jitgħallem.

i) Il-forniment ta' taħriġ adegwat u mmirat u ta' forom oħrajn ta' appoġġ lil nisa u rġiel mhux attivi li jkollhom livell baxx ta' kwalifiki, kif ukoll lil ħaddiema b'impjieg prekarju, inkluż billi jingħataw aċċess għal perkorsi ta' titjib tal-ħiliet,[17] biex itejbu l-impjegabilità tagħhom, itejbu l-prospetti tax-xogħol tagħhom u jiġi miġġieled il-qgħad fit-tul u r-riskju ta' esklużjoni permanenti mis-suq tax-xogħol.

j) L-iżgurar ta' aċċess ugwali għal edukazzjoni, taħriġ u taħriġ vokazzjonali (inkluż l-iskemi tal-apprendistat) ta' kwalità, u tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd, inkluż għan-nisa u l-irġiel b'responsabbiltajiet marbutin mal-għoti ta' assistenza; u t-tneħħija ta' ostakli li jipprevjenu l-parteċipazzjoni, kif ukoll li jintensifikaw il-miżuri edukattivi ta' sensibilizzazzjoni, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet tan-nisa u l-irġiel b'livell baxx ta' kwalifiki.

---

16 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Rapport tal-2015 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea" p. 6 [traduzzjoni mhux uffiċjali ta' dokument mhux disponibbli bil-Malti].

17 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet ġodda għall-Adulti, http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=OJ:C:2016:484:TOC.

k) Il-ġlieda kontra l-istereotipi u d-diskriminazzjoni abbażi tal-età fl-impjiegi matul il-ħajja.

l) Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-irġiel li twieldu barra l-UE u l-isfruttament tagħhom u l-faċilitazzjoni tal-impjieg u l-edukazzjoni tagħhom kif ukoll l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja li jingħataw, u b'dan il-mod, jingħata appoġġ għall-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol.

26. Jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni, is-segregazzjoni u l-istereotipi abbażi tas-sess fl-edukazzjoni, it-taħriġ, it-taħriġ vokazzjonali u l-gwida professjonali. Jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fi skejjel, kulleġġi u universitajiet. Jinkoraġġixxu lill-bniet, is-subien, in-nisa u l-irġiel minn kull sfond biex jagħżlu oqsma edukattivi u professjonijiet skont il-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħhom, mhux abbażi ta' stereotipi tas-sessi, u b'mod partikolari billi jippromwovu l-aċċess tan-nisa u l-bniet għal oqsma edukattivi u professjonijiet fost l-oħrajn fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika ("STEM"). Jinkoraġġixxu lill-irġiel u s-subien biex jistudjaw u jaħdmu f'oqsma bħas-servizzi soċjali, l-indukrar tat-tfal u l-għoti ta' assistenza fit-tul.

27. Ikomplu janalizzaw it-tluq bikri mill-iskola mill-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jindirizzaw id-diversi sfidi li jostakolaw il-kisba ta' livell edukattiv, b'mod partikolari fost il-bniet u s-subien li jkunu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew li jagħmlu parti minn gruppi emarġinati. Iħeġġu liż-żgħażagħ nisa u rġiel, speċjalment dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni, biex jipparteċipaw f'taħriġ avvanzat jew edukazzjoni avvanzata kif ukoll fi skemi ta' apprendistat sabiex jiksbu iżjed ħiliet u kwalifiki, flimkien ma' esperjenza ta' xogħol, f'konformità mal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa.

28. Jindirizzaw id-disparità bejn is-sessi fl-impjiegi fost il-ħaddiema li jkunu waslu biex jirtiraw billi jadottaw approċċ trasversali, b'attenzjoni speċifika għall-ħtieġa li jipprovdu appoġġ lil nisa u rġiel li ilhom qiegħda għal żmien twil[18], billi jissalvagwardjaw l-opportunitajiet indaqs fl-impjiegi, bħal pereżempju fl-iżvilupp u l-avvanz tal-karriera, kif ukoll fis-salarji jew il-promozzjonijiet, u billi jipprovdu servizzi ta' appoġġ għan-nisa u l-irġiel b'responsabbiltajiet marbutin mal-għoti ta' assistenza.

18 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (2016/C 67/01).

29. Jipprovdu u jagħmlu aċċessibbli servizzi ta' konsulenza mmirati li jkunu sensittivi għall-kwistjoni tas-sessi lil nisa u rġiel mhux attivi u b'livell baxx ta' ħiliet, inkluż assistenza adegwata fejn meħtieġ, sabiex jiżguraw li dawn jistgħu jużaw il-ħiliet tagħhom b'mod effettiv, inkluż billi jippreżentaw il-possibbiltà **li** dawn isiru imprendituri u li jistabbilixxu kooperattivi u billi jipprovdulhom pariri dwar dan.

30. Bil-għan li jsaħħu l-impjegabbiltà tan-nisa u l-irġiel, inkluż dawk b'livell baxx ta' kwalifiki u dawk li twieldu barra l-UE, jieħdu passi biex jkomplu jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' kwalifiki u ta' ħiliet formali u informali u biex jippromwovu l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali**.**[19]

31. Jipprovdu leave għall-għoti ta' assistenza lill-ġenituri, inkluż il-leave tal-missirijiet, u jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata permezz tal-għoti ta' servizzi ta' assistenza ta' kwalità, bi prezzijiet li jintlaħqu u aċċessibbli biex jiġu assistiti l-persuni b'responsabbiltajiet marbutin mal-għoti ta' assistenza (inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-assistenza għal persuni dipendenti oħrajn), sabiex ikunu jistgħu jibdew impjieg jew jibqgħu fih, ifittxu impjiegi ta' kwalità u jipparteċipaw f'taħriġ u opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, filwaqt li jippromwovu wkoll diviżjoni ugwali ta' kompiti marbutin mal-għoti ta' assistenza u kompiti domestiċi bejn in-nisa u l-irġiel. B'mod partikolari, għandhom jiġu implimentati l-miżuri kollha rilevanti u meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta' Barċellona dwar il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, skont l-impenji kkonfermati fl-Istrateġija Ewropa 2020.

32. Jikkumbattu l-impjiegi prekarji, u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol billi jsaħħu l-leġislazzjoni applikabbli. Jappoġġaw lill-kumpanniji b'rabta mal-ġestjoni ta' miżuri ta' rikonċiljazzjoni. Joffru inċentivi lill-kumpanniji, pereżempju, permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni jew miżuri finanzjarji, biex jimplimentaw arranġamenti ta' xogħol flessibbli u miżuri favur il-familji fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet ta' xogħol "intelliġenti"[20]. Jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' tali miżuri ta' rikonċiljazzjoni kemm min-nisa kif ukoll mill-irġiel. Jipprovdu opportunitajiet indaqs għal taħriġ avvanzat u jiżguraw it-trattament ugwali tal-ħaddiema kollha, fosthom tal-ħaddiema b'impjieg prekarju**,** li jagħmlu użu minn tali miżuri.

---

[19] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (2012/C 398/01).

[20] Arranġamenti ta' xogħol "intelliġenti" fil-kuntest tal-possibbiltajiet offruti mit-teknoloġija moderna (pereżempju t-telexogħol u ħinijiet tax-xogħol flessibbli).

33. Iħeġġu u joffru inċentivi lil kumpaniji fis-setturi kollha biex jipprovdu aktar taħriġ fuq il-post tax-xogħol u opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, inkluż dawk bi professjonijiet fejn m'hemmx daqstant taħriġ disponibbli.

34. Jippromwovu djalogu mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, skont ir-rwoli u l-kompetenzi rispettivi tagħhom fl-Istati Membri, sabiex isaħħu l-kooperazzjoni marbuta mal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż billi jsaħħu t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'impjiegi prekarji. Jinkoraġġixxu lill-partijiet ikkonċernati biex jirrikonoxxu ċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet tan-nisa u l-irġiel b'impjiegi prekarji u biex jappoġġawhom, partikolarment meta jiddefinixxu u jirrikonoxxu l-ħiliet, kif ukoll ixerrdu l-informazzjoni dwar il-benefiċċji tat-titjib tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja għan-nisa u l-irġiel b'livell baxx ta' kwalifiki kif ukoll għal dawk li jħaddmu.

35. Jikkunsidraw li jieħdu passi biex jiżguraw li l-kuntratti ta' akkwist pubbliku ma jwasslux għal sitwazzjonijiet ta' impjieg prekarju għan-nisa u l-irġiel, u li jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

36. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-linji ta' politika dwar is-suq tax-xogħol, inkluż fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 (b'mod partikolari, permezz tas-Semestru Ewropew) u tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa, kif ukoll fil-kuntest tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li tħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017.

37. Tiżgura li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata f'linji ta' politika u miżuri relatati mal-kisba ta' kwalità ogħla ta' ħiliet, b'mod partikolari fix-xogħol relatat mad-diġitalizzazzjoni, ix-xjenza, ir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll fl-oqsma tat-tagħlim tul il-ħajja u s-suq tax-xogħol.

38. Tippromwovi programmi u linji ta' politika li jirrikonoxxu u jieħdu kont taċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet differenti tan-nisa u l-irġiel, partikolarment il-ġenituri u l-persuni b'impjiegi prekarji li jipprovdu assistenza, sabiex ittejjeb l-aċċess għal miżuri favur il-familja, arranġamenti tax-xogħol għan-nisa u l-irġiel li jkunu flessibbli u intelliġenti u servizzi formali ta' assistenza li jkunu aċċessibbli, bi prezz li jintlaħaq u ta' kwalità għal tfal u dipendenti oħra (inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal). Tinkoraġġixxi lill-missirijiet biex jieħdu leave tal-missirijiet u tal-ġenituri u lil dawk li jħaddmu biex jiffaċilitaw it-teħid ta' leave bħal dan, sabiex in-nisa jkunu jistgħu jipparteċipaw aktar fis-suq tax-xogħol. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' dawk id-dimensjonijiet meta tkun qed tistabbilixxi l-inizjattiva li tindirizza l-isfidi li jiffaċċaw il-familji b'ġenituri li jaħdmu, biex jintlaħaq bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li tħabbret fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2017.

39. Tiffinanzja u tappoġġa inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni dwar l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-ħaddiema nisa u rġiel, kif ukoll dwar il-benefiċċji tat-tagħlim tul il-ħajja u s-servizzi disponibbli biex jiggwidaw u jassistu lil persuni b'livell baxx ta' ħiliet li jixtiequ jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom, inkluż fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa.

ANNESS II

Referenzi

1. **Leġislazzjoni tal-UE:**

- Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)
- Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16)
- Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004 p. 37)
- Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid). (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23)
- Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija
- Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li tħassar id-Direttiva 96/34/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 68, 18.3.2010, p. 13-20
- Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE (ĠU L 180, 15.7.2010, p.1)

2. Il-Kunsill:

Id-dokumenti rilevanti kollha, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC - Anness: Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time
- Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing: inugwaljanzi fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel (14485/01) [traduzzjoni mhux uffiċjali ta' dokument mhux disponibbli bil-Malti]
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tneħħija tal-Istereotipi tas-Sessi fis-Soċjetà (9671/08)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Karrieri Xjentifiċi Kompatibbli mal-Familja: lejn Mudell Integrat (9026/1/08)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing - In-Nisa u l-Ekonomija: Rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja (17474/08)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Reviżjoni tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing: "Bejġing +15": Reviżjoni tal-Progress (15992/09)
- Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li tħassar id-Direttiva 96/34/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-impenn u ż-żieda fl-azzjoni biex tiġi eliminata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, u r-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (18121/10)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing - In-Nisa u l-Ekonomija: Ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja bħala prekondizzjoni għal parteċipazzjoni indaqs fis-suq tax-xogħol (17816/11)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011- 2020) (ĠU C 155, 25.5.2011, p. 10)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kura u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal: nagħtu lil uliedna l-aqwa bidu għad-dinja ta' għada (ĠU C 175, 15.6.2011, p. 8)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (2012/C 398/01)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill intitolati "Lejn investiment soċjali għat-tkabbir u l-koeżjoni" (11487/13)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill intitolati "In-Nisa u l-ekonomija: Indipendenza ekonomika mill-perspettiva tal-impjieg part-time u l-impjieg indipendenti" (11050/14)
- Konklużjonijiet dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE: It-triq 'il quddiem wara l-2015. Nieħdu kont ta' 20 sena ta' implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin (16891/14)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill intitolati "Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi" (7017/15)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill intitolati "Opportunitajiet ugwali ta' dħul għan-nisa u l-irġiel: Intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel (10081/15)
- Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1848 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri għall-2015 (ĠU L 268, 15.10.2015, p. 28–32)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 tas-26 ta' Ottubru 2015 (13201/15)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Approċċ integrat (9273/16)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa u l-Faqar (15409/16)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (2016/C 67/01)
- Kunsill (2016/C 484/01)

3. **Il-Kummissjoni Ewropea:**

- "Ewropa 2020: Strateġija tal-Unjoni Ewropea għal impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (COM (2010) 2020 final)
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010: Strateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2010-2015 (COM (2010) 491 final)
- Komunikazzjoni dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali (COM (2010) 758 final)
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kura u l-Edukazzjoni Bikrija tat-Tfal: Nagħtu lil uliedna l-aqwa bidu għad-dinja ta' għada (COM (2011) 66 final)
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020" (COM (2013) 83 final)
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza (COM (2014) 1405 final)
- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019" (SWD (2015) 278 final)
- Pjan Direzzjonali "Bidu ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-familji li jaħdmu" (Awwissu 2015): http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2015_just_012_new_initiative_replacing_maternity_leave_directive_en.pdf
- *Għalfejn in-nisa mdaħħlin fl-età huma ferm aktar esposti għar-riskju tal-faqar mill-irġiel imdaħħlin fl-età* (14 ta' Ottubru 2015), Evidence in Focus.
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività. (COM (2016) 381 final)
- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Rapport tal-2015 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea" (SWD (2016) 54 final)
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi" (COM (2016) 377 final)
- Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ, 2016 http://ec.europa.eu/education/sites/education/files/monitor2016_en.pdf

4. **Il-Parlament Ewropew:**

- Riżoluzzjoni tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar ħaddiema nisa prekarji (2010/2018(INI))
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-rwol tad-dħul minimu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni ta' soċjetà inklużiva fl-Ewropa (2010/2039(INI), ĠU C 70E, 8.3.2012)
- Riżoluzzjoni tat-8 ta' Marzu 2011 dwar l-aspett tal-faqar tan-nisa fl-Unjoni Ewropea (2010/2162(INI))
- Riżoluzzjoni tal-15 ta' Novembru 2011 dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (2011/2052(INI))
- Rapport tat-8 ta' April 2016 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa fl-era diġitali (2015/2007(INI))
- Riżoluzzjoni tas-26 ta' Mejju 2016 dwar il-faqar: perspettiva tas-sessi (2015/2228(INI))

5. **Oħrajn:**

- Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (in-Netherlands, is-Slovakkja u Malta), Brussell, 7 ta' Diċembru 2015 https://english.eu2016.nl/documents/publications/2016/01/05/declaration-on-gender-equality
- Nota ta' Riċerka tal-EIGE, Kwalità ogħla ta' ħiliet fost in-nisa u l-irġiel b'impjieg prekarju fl-UE (6268/17 ADD 1)
- Rapport tal-EIGE, Il-faqar, is-sessi u l-inugwaljanzi trasversali fl-UE: Reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-Istati Membri tal-UE (14295/16 ADD 1).
- Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (2015). Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E
- Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (2016). Pjan ta' Azzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016–17 http://www.ilo.org/gender/Informationresources/WCMS_351305/lang--en/index.htm

- Rapport tal-OECD, It-trawwim u l-kejl ta' ħiliet: It-titjib ta' ħiliet konjittivi u mhux konjittivi għall-promozzjoni ta' suċċess tul il-ħajja https://www.oecd.org/edu/ceri/Fostering-and-Measuring-Skills-Improving-Cognitive-and-Non-Cognitive-Skills-to-Promote-Lifetime-Success.pdf
- Rapport tal-OECD, L-Intraprendituri Neqsin 2015. Politiki għall-Impjieg Indipendenti u l-Intraprenditorija http://www.oecd.org/industry/the-missing-entrepreneurs-2015-9789264226418-en.htm
- OECD (2016), Il-ħiliet huma importanti. Riżultati ulterjuri mill-istħarriġ tal-ħiliet tal-adulti http://www.oecd.org/skills/skills-matter-9789264258051-en.htm
- Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Rapport Dinji dwar it-Tixjiħ u s-Saħħa (2015) http://apps.who.int/iris/bitstream/10665/186463/1/9789240694811_eng.pdf?ua=1
- Rapport Eurydice 2010: Differenzi bejn is-sessi fir-riżultati edukattivi - Studju dwar il-miżuri meħuda u s-sitwazzjoni attwali fl-Ewropa http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/thematic_reports/120en.pdf
- Ir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa, Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, 1995 http://www.un.org/womenwatch/daw/beijing/platform/
- Stħarriġ tal-Eurostat dwar il-Forza tax-Xogħol.
- Stħarriġ tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet Ewropej tax-Xogħol.